MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1420/2001/1

**C. Fino & Sons Limited.**

**vs.**

**Union Print Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Awwissu 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi wara sejha ghall-offerti, s-socjeta` konvenuta kkommissjonat lis-socjeta` istanti biex taghmel appalt konsistenti fl-alterazzjoni u *upgrading* ta' fabbrika fil-Marsa biex tigi konvertita f'*printing press*;

Illi l-partijiet iffirmaw il-kuntratt relattiv fil-15 ta’ Dicembru 1995, kopja ta’ liema qed tigi hawn unita` u markata Dok. “A”;

Illi l-appalt gie kompletat, u ghalkemm is-socjeta` konvenuta ghamlet diversi pagamenti in akkont hija baqghalha thallas il-bilanc ta’ Lm59,229.73 (€137,968.16) u dan kif jidher mill-i*statement* hawn unit u mmarkat Dok. “B”;

Illi s-socjeta` konvenuta interpellat anki ufficjalment biex thallas l-imsemmi bilanc ta’ Lm59,229.73 (€137,968.16) hija baqghet inadempjenti:

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1 Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm59,229.73 (€138,168.37) bilanc akbar rapprezentanti prezz ta’ appalt li s-socjeta` konvenuta kkommissjonat lil dik attrici u konsistenti dan l-appalt fl-alterazzjoni u *upgrading* ta’ fabbrika fil-Marsa biex tigi konvertita f’*printing press.*

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Mejju 2001, u bl-imghaxijiet legali minn Jannar 1997 id-data tal-hrug tal-kont mis-socjeta` attrici, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Union Print Company Limited datata 31 ta’ Awwissu 2001 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut *stante* li s-socjeta` attrici ma espletatx l-appalt lilha koncess fit-termini stipulati, u *stante* li x-xoghol rez mis-socjeta` attrici ma sarx skont is-sengha u l-arti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta` attrici kkagunat danni ingenti lis-socjeta` eccipjenti, danni li talba ghal-likwidazzjoni taghhom qed issir ukoll rikonvenzjonalment, bil-konsegwenti tpacija;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, is-socjeta` eccediet it-terminu stipulat ghall-kompletazzjoni tal-appalt, u b'hekk inkorriet fil-penali stipulat kontrattwalment bejn il-partijiet, penali li talba ghal-likwidazzjoni taghha qed issir rikonvensjonalment, bil-konsegwenti tpacija;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-*quantum* mitlub mis-socjeta` attrici jrid fi kwalunkwe kaz jigi ppruvat u likwidat, u l-ebda mghax ma jista' jigi mpost hlief mid-data tal-eventwali sentenza *in vista* tal-htiega ta' tali likwidazzjoni;

Bir-rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri, bir-rappresentanti gudizzjarji tas-socjeta` attrici msejha minn issa in subizzjoni, u bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-**kontro-talba** tas-socjeta'konvenuta Union Print Company Limited datata 31 ta' Awwissu 2001 a fol. 15 tal-process fejn esponiet:-

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni attrici sabiex tipproponi s-segwenti kontro-talba taghha *a tenur* tal-**artikolu 396 Kap 12**, in kwantu tali kontro-talba gejja mill-istess kuntratt li minnu gejja t-talba tas-socjeta` attrici rikonvenuta;

Illi permezz ta' skrittura datata hmistax (15) ta' Dicembru 1995 il-partijiet dahlu f'kuntratt ta' appalt *a tenur* ta' liema s-socjeta` attrici rikonvenuta obbligat ruhha li tesegwixxi l-appalt hemm hekk stipulat;

Illi s-socjeta` attrici rikonvenuta ma esegwietx ix-xoghlijiet stipulati, u naqset mill-arti u s-sengha, liema nuqqasijiet kontrattwali taw lok ghal danni ingenti fil-konfront tas-socjeta` esponenti;

Illi *inoltre* s-socjeta` attrici rikonvenuta ma lestietx l-appalt in kwistjoni fit-terminu mpost, u ghalhekk inkorriet fil-penali stipulata fl-istess skrittura ta' appalt fuq imsemmija;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta talbet li s-socjeta' attrici rikonvenuta tghid  ghaliex m'ghadhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici rikonvenuta naqset fl-obbligu kontrattwalment assunti minnha fil-konfront tas-socjeta` konvenuta attrici rikonvenzjonali;

2. Tiddikjara li s-socjeta` attrici rikonvenuta inkorriet fil-penali kontrattwalment stipulati bejn il-partijiet; u

3. Tillikwida u tordna l-hlas ta' tali danni u/jew penali inkorsi bhala konsegwenza tan-nuqqasijiet kontrattwali tas-socjeta` attrici rikonvenuta kif dikjarati *a tenur* tal-ewwel u tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax, bir-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta` attrici rikonvenuta msejha minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta attrici rikonvenzjonali (fol. 16 u 17).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenuta C. Fino & Sons Limited ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta rikonvenjenti datata 20 ta' Settembru 2001 a fol. 20 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi l-appalt ezegwit mis-socjeta` esponenti sar skont is-sengha u l-arti u l-istess appalt gie kompletat fit-termini stabbiliti. Konsegwentement ma hemm l-ebda danni u/jew penali x'jigu likwidati.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` attrici rikonvenuta C. Fino & Sons Limited ghall-kontro-talba tas-socjeta` rikonvenjenti (fol. 21).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R Micallef tas-27 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-9 ta' April 2003 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Kenneth Gulia sabiex jisma' l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u x-xhieda kollha quddiemu prodotta.

Rat ir-rikors ta' Union Print Company Limited datat 24 ta' Novembru 2003 (fol. 432) sabiex jigi nominat perit tekniku u l-Qorti laqghet t-talba b'digriet datat 12 ta' Marzu 2004 (fol. 438) u appuntat lill-Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar l-allegati difetti elenkati fin-nota tas-socjeta` konvenuta datata 13 ta' Frar 2004 (fol. 437), u jirrelata dwar il-fondatizza tal-istess, u jekk ikun il-kaz il-valur tal-istess bid-dawl tal-ftehim u r-rati ndikati mill-partijiet u dan a spejjez provizorjament tas-socjeta' konvenuta.

Rat ir-rapport peritali tal-Perit Valerio Schembri datat 4 ta' Ottubru 2005 u mahlufa fid-9 ta' Frar 2006 (fol. 451 sa fol. 478).

Rat d-domandi in eskussjoni tal-perit tekniku pprezentati b'nota datata 6 ta' Mejju 2006, u r-risposti in eskuzzjoni pprezentati permezz ta' nota tal-istess Perit Valerio Schembri datata 18 ta' Ottubru 2006 (fol. 501).

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 13 ta' Frar 2006 (fol. 487) fejn talbu n-nomina ta' periti perizjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta' April 2007 gew nominati bhala periti perizjuri il-Perit Godwin Abela, lill-Perit Mario Cassar u lill-Perit Alan Saliba a spejjez provizorjament tas-socjeta` attrici u l-kawza giet differita ghar-rapport addizzjonali ghas-16 ta' Ottubru 2007.

Rat in-nota tas-socjeta` Union Print Company Limited datata 31 ta' Awwissu 2007 ( fol. 511).

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` C. Fino & Sons Limited datata 2 ta' Awwissu 2007 ( fol. 537).

Rat ir-rapport tal-periti perizjuri datat 4 ta' Ottubru 2007 u mahluf fis-16 ta' Jannar 2008 ( fol. 547).

Rat id-domandi in eskussjoni tas-socjeta` konvenuta Union Print Company Limited lill-periti addizzjonali b'nota datata 5 ta' Frar 2008 a fol. 582 tal-process.

Rat in-nota tal-Periti Addizzjonali datata 18 ta' Marzu 2009 a fol. 586 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2008 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Marzu 2009.

Rat in-nota ta' ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Union Print Company Limited datata 22 ta' Dicembru 2008 (a fol. 591).

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` attrici C. Fino & Sons Limited datata 29 ta' Jannar 2009 a fol. 608 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob li tithallas l-ammont ta' 138,168.37 Euro (Lm59,299.73) bilanc minn somma akbar rappresentanti valur ta' appalt li kien jinkudi diversi xogholijiet fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta fil-Qasam Industrijali, Marsa u liema appalt kien jinkludi t-tibdil ta' art tal-konkos.

Illi s-socjeta' konvenuta qed isostni li s-socjeta' attrici ma esegwietx ix-xoghol kif pattwiet u li x-xoghol ma' sarx skond is-sengha u l-arti u b'hekk ikkawzat danni lilha li s-socjeta' attrici ghandha thallas flimkien mal-hlas ta' penali ghad-dewmien u f'dan is-sens giet pprezentata wkoll kontro-talba.

Illi l-ewwel ilment tas-socjeta' konvenuta kien li l-art originali ma' tkissritx, u dan ghaliex fis-sena 2000, u cjoe' tlett snin wara li sar ix-xoghol, inkixfu zewgt saffi ta' konkos u b'hekk is-socjeta' konvenuta assumiet li s-saff tal-qiegh ma' kienx tkisser. Izda din l-allegazzjoni ma' hijiex fondata u dan peress li jirrizulta kemm mill-ittra datata 25 ta' Marzu 2000 tal-Perit Joseph Grech li kien qed jissorvelja x-xoghol ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, u kemm mix-xhieda tal-Perit Edwin Mintoff (9 ta' April 2003 – fol. 354) li l-art originali kienet inqalghet, u dan l-affidavit ta' Wallace Fino (Dok. "WF" – fol. 365) li kategorikament jikkonferma l-istess. Dan wassal lill-perit addizzjonali sabiex jikkonkluda li dan l-ilment kien wiehed bla bazi (para 24 sa 30 tar-relazzjoni).

Illi dwar it-tieni ilment li jikkoncerna l-kwalita' tal-konkos jinghad li l-istess periti addizzjonali kkonkludew li dan sar

skond il-kwalita' mehtiega, u f'dan jinsabu konfortati mic-certifikat rilaxxat mill-Perit Edwin Mintoff datat 7 ta' Ottubru 2002 (Dok. "FG1" – fol. 388) li jghid testwalment fl-1 paragrafu li *"minn testijiet li saru fuq il-konkos irrizulta li din id-darba l-kwalita' kienet skond id-dokumenti".* Fil-fatt issir riferenza ghall-paragrafi 31 sa 37 tal-istess relazzjoni addizjonali fejn ikkonkludew li dan l-ilment mhux gustifikat. Illi t-tielet ilment kien li l-hxuna tal-konkos kellha tkun ta' 200m u dan ma sarx; jirrizulta li fil-fatt il-hxuna tal-konkos kienet bejn 146mm ghall 195 mm, bi hxuna *average* ta' 164mm u jidher li din hija fondata, ghalkemm gie sottolineat li ma kienx hemm bzonn li tinqala' l-art peress li jirrizulta li inhadu waqt ix-xoghol u msemmija mill-periti teknici fir-relazzjoni taghhom, u in partikolari f'paragrafi 57 sa 58 tal-process, b'dan pero' li jrid issir tnaqqis fil-kont fl-ammont ta' €14,984.91 (Lm6,433.02) kif indikat f'paragrafu 59 tal-istess relazzjoni (fol. 566).

Illi dwar l-ilment li x-xibka tal-konkos ma gietx alzata almenu 20mm fil-konkos, jinghad li fl-ewwel lok gie kkonstat li s-socjeta' attrici l-approvazzjoni tal-Perit Joseph Grech uzat xibka doppja A 198 minflok A252, b'dan li dan huwa ekwivalenti ghall-A284, li jfisser li *"z-zewgt xibkiet li intuzaw huma aktar b'sahhithom minn xibka wahda A*252.....". Fuq kollox inghad li kif tqeghdet l-istess xibka fil-wicc hija sodisfacenti fil-waqt li l-posizzjoni tax-xibka fil-qiegh fil-konkos ma hijiex kif titlob is-sengha, u b'hekk is-socjeta' attrici ma' ghandhiex tithallas tax-xibka tar-rinforz u dan fl-ammont ta' €5,045.42 (Lm2,166) (para. 61).

Illi fid-dawl ta' dan l-ammont mitlub ta' €137,968.16 (Lm59,229.73) ghandu jigi mnaqqas ghal €117,937.83 (Lm50,630.71) u dan peress li jitnaqqsu l-ammonti ndikati fl-istess relazzjoni addizzjonali u hawn fuq msemmija kollox kif indikat ukoll f'paragrafu 62 u 65 tar-relazzjoni peritali u b'hekk l-ammont li ghandhu jithallas lis-socjeta' attrici huwa ta' €117,937.83 (Lm50,630.71) salv dak li ser jinghad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest hija ghandha tadotta l-istess rapport addizzjonali u dan anke fuq l-iskorta ta'

dak li nghad fis-sentenza **“Emvic Limited vs Direttur Generali et”** (A.C. – 6 ta’ Lulju 2007) u dan ghaliex ghalkemm tali opinjoni ma’ torbotx lill-Qorti, pero’ tenut kont li dawn huma konkluzzjonijiet ta’ natura teknika ma ghandhomx jigi skartati kapriccosament. Ma’ hemm xejn fil-process li jindika li l-istess konkluzjonijiet huma zbaljati, anzi l-kuntrarju u fid-dawl tal-insenjamenti fil-kawza fl-ismijiet **“B. Camilleri vs C. Debattista”** (A.C. – 9 ta’ Frar 2001), fejn l-mezz ta’ periti perizjuri huwa indikat fil-ligi bhala mezz ta’ verifika ta’ opinjoni teknika, din il-Qorti thoss li ghandha taddotta l-istess rapport addizzjonali bhala l-bazi tal-konkluzzjonijiet taghha fuq l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici u dwar l-kwalita’ tax-xoghol esgwiet mis-socjeta’ attrici.

Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-konkluzjoni tal-periti perizjuri li l-art kif inhi lum hija effettivament aktar b’sahhitha minn dik kif specfikata, u wkoll il-fatt li l-istess art ilha tintuza ghall-aktar minn  10 snin u dan bla ma hareg ebda difett strutturali jikkonfermaw li l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku li ssugerixxa li ghandha tinqala’ l-art ma tistax tigi accettata. F’dawn ic-cirkostanz japplika l-principju li meta x-xoghol issir sodisfacentement u l-kwalita’ tax-xoghol hija tali li tippermetti lill-klijent juza l-istess minghajr problemi, mela allura l-istess kuntrattur ghandhu jithallas il-valur tax-xoghol ikkonsenjat **(“Mizzi vs Giacchino et”** – A.C. – 31 ta’ Jannar 1995; **“John Bonnici nomine vs Anthony Sammut”** – A.C. – 22 ta’ Gunju 2004) u dan jirrizulta li sar fil-kuntest tal-konkluzzjonijiet peritali, fejn jirrizulta li sar tnaqqis tal-ammont dovut peress li x-xoghol konsenjat kien fil-gran parti tieghu skond kif pattwiet u skond is-sengha u l-arti u sar biss tnaqqis fl-ammont mitlub ghan-nuqqasijiet li kien hemm fl-istess xogholijiet.

Illi s-socjeta’ attrici sostniet li kellha titnaqqas is-somma ulterjuri ta’ €6,794.78 (Lm2,917) ghaliex il-kont kien harget bil-VAT ta’ 15%, izda fil-fatt jirrizulta li din kienet it-taxxa applikabbli meta sar ix-xoghol u ghalhekk ma ghandu jsir ebda tnaqqis ta’ dan l-ammont – u dan apparti li dan ma jirrizultax li huwa involut fil-mertu tal-kontro-talba mressqa mis-socjeta’ konvenuta.

Illi dwar l-ammont ta’ €17,214.79 (Lm7,390.31) s-socjeta’ konvenuta tallega li dan irid jitnaqqas mis-somma dovuta peress li l-ammont certifikat kien ta’ €909,261.59 (Lm390,346), mentri skont is-socjeta’ konvenuta tallega li l-invoice mahruga mis-socjeta’ attrici tirreferi ghall-ammont ta’ €807,687.47 (Lm346,740.23). Din il-Qorti thoss li din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata anzi jidher li d-dokumenti esebiti u mahruga mill-istess periti li kienu qed jiehdu hsieb il-progett juru li l-allegazzjonijiet attrici gew ben sodisfatti u fuq kollox jidher li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq ir-rendikont tal-bilanc dovut esebit bhala Dok. “B” mac-citazzjoni attrici; jinghad li l-istess statement ma giex bl-ebda mod kontestat mis-socjeta’ konvenuta lanqas fin-nota ta’ eccezzjonijiet u l-kontro-talba taghha.

Illi dwar il-hlas ta’ penali din kienet penali ta’ dewmien u jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta qed titlob li jitnaqqsu mill-ammont dovut is-somma ta’ €41,928.72 (Lm18,000) ekwivalenti ghall-penali ta’ €465.87 (Lm200) kuljum ghal disghin gurnata, u dan peress li qed jigi allegat mis-socjeta’ konvenuta li x-xoghol kellu jitlesta fl-1 ta’ Lulju 2006, estiz bonarjament ghall-31 ta’ Lulju 2006 u li gie kompletat f’Ottubru 2006.

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-oneru ta’ prova ta’ tali dewmien jispetta lis-socjeta’ konvenuta, u minn ezami tal-istess provi ma jirrizultax ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi kemm kien verament dan id-dewmien allegat, tant li ghalkemm jidher li s-somma fuq indikata inhadmet fuq zmien preciz ta’ tlett (3) xhur, l-istess periti inkarigati mix-xogholijiet sostnew li d-dewmien kien ta’ bejn xahrejn u nofs u tlett xhur (Perit Joseph Grech – fol. 405); apparti dan sar riferiment ukoll ghall-fatt li dan id-dewmien kien registrat fil-laqghat li kienu qed isiru kull gimgha, izda ma jirrizultax li dawn gew esebiti.

Illi ghalkemm ma giex ippruvat it-terminu ezatt meta tlesta x-xoghol, jirrizulta li kien hemm xi dewmien fl-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet, li ma jirrizulta li ma kienx ta’ dannu ghas-socjeta’ konvenuta u wkoll li dan id-dewmien ma kienx kollu attribwibbli ghall-operat tas-socjeta’ attrici.

Illi fil-fatt jirrizulta li kien hemm telf ta’ zmien peress li meta inqalghet l-art tal-konkos instabet art ohra u allura kellhom issiru bidliet bil-mod kif kellhu jsir ix-xoghol u dan jinsab ikkonfermat anke mix-xhieda tal-istess Perit Edwin Mintoff (9 ta’ April 2003); kien hemm ukoll zieda fil-valur ta’ xogholijiet fl-ammont ta’ 74,066.04 Euro (Lm31,788) u dan huwa rifless fil-konteggi kollha li saru; u kien hemm nuqqas ta’ direzzjoni u informazzjoni dwar l-istess xogholijiet kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Wallace Fino (21 ta’ Marzu 2003) u David Anastasi (23 ta’ Lulju 2003). Jirrizulta wkoll li kien hemm dewmien ghaliex f’Marzu 1996 instab li s-sahha tal-konkos uzat mis-subkuntratturi tas-socjeta’ attrici ma’ kienx adegwat u allura x-xoghol kellhu jinqala u dan meta l-art kienet gja tlett kwarti (¾) minnha lesta u ghalkemm inghatat estensjoni ta’ zmien f’dan il-kaz, jidher li s-socjeta’ konvenuta talbet ghall-estensjoni ulterjuri li baqghet ma gietx moghtija.

Illi ghalhekk tenut kont ta’ dan kollu u nkluz n-natura estensiva tal-istess progett li kien wiehed konsiderevoli u komplessiv, u fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1122 tal-Kap. 16 (1) (a)** jirrizulta li f’dan il-kaz hemm lok ghat-tnaqqis tal-penali meta jirrizulta li l-klijent ikun accetta espressament l-bicca tax-xoghol li giet esegwieta (**“Paul Pullicino vs Raydavidson Distributors Limited”** – P. A. (GCD) – 1 ta’ Lulju 2003) u **“Falzon Sant Manduca vs Mario Grima”** – P.A. (JRM) – 8 ta’ Marzu 2005) u f’dan il-kaz hekk huwa ghaliex l-istess socjeta’ konvenuta ilha tuza l-istess xogholijiet esegwieti minn mindu tlestew u fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet **“Raymond Mercieca nomine vs Edward Pavia nomine”** (A.C. – 31 ta’ Mejju 2002) allura din il-Qorti thoss li l-ammont ta’ penali rikjest mis-socjeta’ konvenuta ghandu jitnaqqas ghas-somma ta’ 9,320 Euro (Lm4,000) stabilita *arbitro boni viri*, tenut kont li tali dewmien anke fil-kaz ta’ tibdil ta’ l-art minhabba s-sahha tal-konkos ma’ kienx kollu dovut kollu ghall-operat tas-socjeta’ attrici, izda wkoll ghall-operat tas-socjeta’ konvenuta – tant li meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni z-zmien sabiex jigi rimedjat dan kien ukoll determinat minn dewmien sabiex jigu konkluzi l-istess testijiet anke mis-

socjeta’ konvenuta u wkoll sabiex is-socjeta’ attrici tinghata direzzjonijiet dwar l-istess.

Illi b’hekk l-ammont dovut mis-socjeta’ attrici ghandhu jitnaqqas bl-ammont ulterjuri ta’ €9,317.49 (Lm4,000), u b’hekk l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici jammonta ghal €108,620.34 (Lm46, 630.71) (Lm50,630.71 – Lm4,000) u dan bl-imghax legali minn Jannar 1997 sal-effettiv pagament.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta biss in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1 Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u tmint elef, sitt mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu €108,620.34 (Lm46,630.71) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ appalt li s-socjeta` konvenuta kkommissjonat lil dik attrici u konsistenti dan l-appalt fl-alterazzjoni u *upgrading* ta’ fabrika fil-Marsa biex tigi konvertita f’*printing press* u dan wara li mill-ammont mitlub tnaqqsu l-ammonti rispettivi fuq indikati ta’ erbatax-il elf disa’ mija erbgha u tmenin ewro u wiehed u disghin centezmu €14,984.91 (Lm6,433.02), ta’ hamest elef, hamsa u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmu €5,045.42 (Lm2,166) u ta’ disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu €9,317.49 (Lm4,000) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kwantu ghall-parti minn hamsa (1/5) ghas-socjeta’ attrici u kwantu ghall-erba’ parti minn hamsa (4/5) ghas-socjeta’ konvenuta u bl-imghax legali minn Jannar 1997 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta.

Illi ghall dawn il-motivi, **dwar il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta**, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ghall-dak fuq premess, **tilqa’ t-**

**talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba biss** fil-kuntest ta' dak hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici rikonvenuta naqset fl-obbligu kontrattwalment assunti minnha fil-konfront tas-socjeta` konvenuta attrici rikonvenzjonali limitatatament u biss fil-kuntest ta' dak hawn deciz u cjoe' dwar il-hxuna fil-art tal-konkos u dwar l-ispejjez tax-xibka ta' rinforz (tal-qiegh).

2. Tiddikjara li s-socjeta` attrici rikonvenuta inkorriet fil-penali kontrattwalment stipulati bejn il-partijiet biss fis-sens hawn deciz; u

3. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' ghoxrin elf u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu €20,030.33 (Lm8,599.02) flimkien ma' penali ta' disat elef u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu €9,317.49 (Lm4,000) b'kollox fl-ammont disgha u ghoxrin elf, tliet mija u sebgha u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu €29,347.82 (Lm12,599.02) inkorsi bhala konsegwenza tan-nuqqasijiet kontrattwali tas-socjeta` attrici rikonvenuta kif dikjarati *a tenur* tal-ewwel u tat-tieni talba, b'dan li l-istess ammont jitnaqqas mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni attrici ta' mija u tmienja u tletin elf, mija wiehed u tletin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€138,131.21) ekwivalenti ghal Lm59,299.73) u allura l-ammont bilancjali dovut skond ic-citazzjoni attrici lis-socjeta' attrici huwa dak ta' mija u tmient elef, sitt mija u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu €108,620.34 (Lm46,630.71) b'dan li ma hemmx lok li s-socjeta' attrici tigi kkundanata thallas xi ammont.

Bl-ispejjez tal-istess kontro-talba kwantu ghal-erba' parti minn hamsa (4/5) ghas-socjeta' konvenuta u kwantu ghall- parti minn hamsa (1/5) ghas-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------